**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Jannar 2019**

**Talba Nru: 330/18 CZ**

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C 476)**

**vs.**

**Samuel Noble**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-18 ta' Lulju 2018 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat'elef, sitt mija u erbgha u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,654.23), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi s-somma premessa ta' €4,654.23 tirraprezenta prezz ta' prodotti mibjugha lill-konvenut minn Farsons Beverage Imports Company Limited mill-hanut tas-socjeta'

attrici Farsons Direct gewwa l-Imriehel, imhallas permezz ta' erba' (4) cekkijiet ta' GBP 2,200, GBP 947.62, GBP 678 u GBP 424.25 li skond il-conversion rate ta' meta ntbaghtet l-ittra ufficjali jammontaw ghal erbat'elef, sitt mija u erbgha u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,654.23) liema somma hija dovuta mill-istess konvenut favur is-socjeta' attrici Farsons Beverage Imports Company Limited skond l-anness kopji ta' cekkijiet immarkati Dok. A u dan wara li erbgha (4) cekkijiet li l-konvenut hallas bihom ghal dawn il-prodotti, gew ritornati lura lill-bank bhala 'Refer to Drawer' u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficcjali datata 19 ta' Gunju 2017, ipprezentata a tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, baqa' inadempjenti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali hawn fuq imsemmija, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, sitt mija u erbgha u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,654.23) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur